# Qorti tal-Appell Kriminali

# Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-14 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 202/2014

**Il-Pulizja**

**Spettur Roderick Agius**

**Vs**

**Adrian Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Adrian Darmanin detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 433775M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali: 1) Talli nhar it-8 ta' Mejju 2010, ghall-habta ta' 12:45hrs, fi Triq il-Kbira Haz-Zebbug Malta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, permezz tal-vettura li kienet misjuqa minnek u cioe b'vettura numru tar-registrazzjoni IBN 048, b'mod involontarju ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ragel anzjan u cioe ta' Gaudenzio Cilia, hekk kif iccertifika Dr. Jonathan Calleja med Reg. 5166 mill-isptar Mater Dei; u 2) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBN 048, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz. Il-Qorti kienet mitluba

sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika u jew tissospendi lill-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' April, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 533, 226(1)(a), u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet lil Adrian Darmanin hati ta` l-imputazzjonijiet kif dedotti u kkundannatu multa komplessiva ta` seba mitt Euro (€700) u skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta` tlett (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta` l-ghada li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Adrian Darmanin, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Mejju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeciedi dan il-kaz billi tillibera lill-appellant minn kull htija u piena inflitta fil-konfront tieghu u dana filwaqt illi tordna kwalunkwe provvediment iehor illi jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellant huwa dak singolari li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u dwar dan ta divesi ragunijiet li ser ikunu kunsiderati *seriatim*. L-appellant inizzjalment jilmenta li l-Ewwel Qorti kien messha tiskarta l-pjanta maghmula mill-espert tal-Qorti fuq l-inkjesta ghaliex

din ma tirriflettix il-mod kif spiccaw il-vetturi wara l-incident. Dan il-punt gia kien sollevat mid-difiza quddiem l-Ewwel Qorti wara li l-pulizija cahdu li kienu awtorizzaw, sahansitra ordnaw, lill-appellant inehhi l-vettura tieghu minn fuq il-post u wara ftit rega issejjah ghaliex kienet infethet inkjesta. L-Ewwel Qorti gustament ma naqsitx milli tindirizza din il-kwistjoni. Dik il-Qorti ddecidiet li "*indipendentement minn jekk effettivament il-vetturi ccaqilqux u x-xena kellha tigi rikostruwita, jew le, din il-Qorti hi tal-fehma li dan bhala fatt ma hu ser jincidi xejn fuq l-analizi li ser taghmel hi dwar il-lok ta' fejn sehh l-incident (sostenibbli mir-ritratt esebiti) u tad-deposizzjonijiet taz-zewg protagonisti*". Din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni li hadet l-Ewwel Qorti u ma tirrikjedi ebda kunsiderazzjoni ohra aktar u aktar meta l-istess appellant jghid illi minkejja dan kollu, kienu esebiti ritratti li dwarhom jaqblu z-zewg partijiet u li huma prova ahjar ghal fini li tkun stabilita d-dinamika tal-incident. Il-preokuppazzjoni mfissra mill-appellant illi jekk il-pulizija kienu qed jahbu fuq haga wahda allura ma kien hemm xejn li jzommhom milli jahbu fuq affarijiet ohra ma ssibx konfort minn din il-Qorti fil-kaz odjern. Ezaminati l-atti u mqabbla l-pjanta mar-ritratti esebiti u maqbula bejn il-partijiet, id-divergenzi huma verament minimi u ta' ebda portata;

L-appellant jilmenta ukoll li l-Ewwel Qorti skartat prova cara ta' kif verament sehh l-incident u dan kif tixhed id-daqqa li ghandu fuq il-bieba tal-vettura tieghu. Issa fil-kaz in dizamina, u kif tajjeb rriteniet l-Ewwel-Qorti, d-dinamika tal-incident hija kolpita b'verzjoni kontrastanti ta' kull parti. Gaudenzio Cilia jghid illi pparkja it-*truck* zghir tieghu quddiem id-dar tieghu, nizel minn-naha tal-lemin ghal fuq it-triq, ghalaq il-bieba u bic-cwievet f'idejh ra l-vettura misjuqa mill-appellant gejja ghal-fuqu, laqtitu u spicca mal-art. Kontra din il-verzjoni, l-appellant jghid illi kien qed isuq wara *truck* zghir liema truck waqaf f'daqqa. Mid-direzzjoni opposta kienet gejja vettura li waqfet u cedietlu biex jghaddi u appena kien rega beda jsuq minn posizzjoni stazzjonarja Cilia hareg f'daqqa mill-vettura tieghu, sema' hoss, waqaf u peress illi ma setax jara x'gara,

nizel u ra persuna b'idu maqbuda fil-bieba tat-truck u malli qalalu idu din intefghet mal-art. Gia hawnhekk jidher li l-verzjoni tal-appellant mhix wahda attendibbli ghaliex l-feriti li ssubixxa Cilia fl-ewwel lok mhux biss juru ferita f'idu talli juri ferm aktar minn hekk. It-tabiba li ezaminat lill-Cilia rriskontrat ksur fil-pelvis b'konsegwenzi ta' ticrit fil-bladder u li kawza ta' hekk kellu jibqa' bl-uzu ta' catheter b'mod permanenti. Ic-certifikat mediku ukoll jitkellem dwar kontuzzjoni fil-pulmun u ferita fl-idejn u l-korrut stess, li dam erba xhur u nofs l-isptar, jghid illi kien sofra daqqa f'rasu u fi snienu u kawza ta' hekk mghadux jisma, sofra ukoll kustilja mxaqqa. L-appellant jghid li l-Ewwel Qorti skartat b'mod assolut il-fatt illi fil-bieba tal-vettura tieghu hemm ghafsa vertikali fil-bieba tax-xellug minghajr brix li turi li kien Cilia li fetah il-bieba fuqu u mhux hu li dahal fuq Cilia. L-konkluzzjoni tal-appellant izda hija wahda fortuita u ma ssib ebda sostenn mill-assjem tal-provi. Huwa jghid li din hija daqqa dritta u vertikali preciz fuq il-manku tal-bieba u li tibqa' dritta 'l isfel tul l-gholi kollu tal-bieba. Dan ma hu minnu xejn tant li l-manku tal-bieba baqa' minghajr ebda tracci ta' hsara. Dan ghaliex, mill-esperjenza tal-Qorti l-ghafsa vertikali fuq il-manku mhi xejn hlief il-qarsa rizultanti mit- trasmissjoni waqt l-ispustament tal-mettal tal-bieba bl-ghafsa fonda li ssubiet taht il-manku. Dik l-ghafsa naturalment saret minn gisem Cilia mal-impatt subit mil-vettura tal-appellant.

It-tieni lment tal-appellant hu li l-Ewwel Qorti skartat il-possibilita' illi Cilia, bniedem ta' 84 sena, nizel b'heffa mill-gabina u fit-tielet ilment tieghu jghid illi ma kienetx korretta meta qalet li "*Huwa pacifiku li Gaudenzio Cilia intlaqat, sofra griehi u spicca fl-art. La ntlaqat, necessarjament ifisser li' sekondi' qabel ma ntlaqat, huwa kien barra l-kabina*". Dawn iz-zewg lmenti izda jista' jinghaddu flimkien la darba jincidu fuq l-aspett ta' aprezzament zbaljat tal-fatti mill-Ewwel Qorti. L-appellant jinsisti li r-ritratti juru li l-Ewwel Qorti kellha tasal ghal konkluzzjoni ben diversa minn dak li waslet ghalih. Din il-Qorti, izda, aktar ma taqra s-sentenza tal-Ewwel Qorti, aktar tikkonvinci ruhha li ma hemm xejn censurabbli

dwar il-konkluzzjoni taghha. L-Ewwel Qorti jidher li fliet l-atti processwali b'mod akkurat u ma hemm xejn juri li ma setghetx ragjonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha. It-terminu ta' tlett xhur ta' skwalifika ta' licenzja jibdew jiddekorru mill-lum.